MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2015

Numru. 262/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**HANANE AZZOPARDI**

**(ID: 33546A)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **HANANE AZZOPARDI** detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 33546(A) giet imressqa quddiemha u akkuzata talli fit-28 ta' Awwissu 2011 ghal habta tat-tlieta u kwart ta' wara nofsinhar (15:15hrs):

1. Volontarjament ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg u cioe' windscreen u bonnet tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBT 814, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma jkun izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta' Richard Azzopardi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-piena stabbilita ghal dan ir-reat u tapplika l-provvediment tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' ta' Richard Azzopardi.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 17 ta' Marzu 2014 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputata ddikjarat li ma kellux oggezzjoni li l-kaz taghha jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar id-19 ta' Gunju 2014 (fol. 15) liema ezami sar ai termini ta' l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

Illi nhar id-19 ta' Gunju 2014 xehdet l-**Ispettur Priscilla Caruana** u spjegat illi fit-28 ta' Awwissu 2011 sar rapport gewwa l-Ghassa ta' Birzebbugia minn Richard Azzopardi li rrapporta li kellu argument mal-mara tieghu Hanane Azzopardi gewwa Triq San Filippu Birzebbugia fejn allega li din kienet ghamlitlu hsara fil-vettura tieghu numru ta' registrazzjoni CBT 814.

Tispjega illi hija kienet baghtet ghal Hanane Azzopardi gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Birzebbugia fejn taghtha d-dritt li tkellem avukat ghal-liema dritt hija rrinunzjat u Hanane Azzopardi rrilaxxjat stqarrija datata 10 ta' Settembru 2011 fil-prezenza ta' PC 176 u PS 645 liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol 8 tal-process. Spjegat illi f'din l-istqarrija Hanane kienet ammettiet li waddbet xi fwieha minn gewwa l-flat ghal fuq il-vettura flimkien ma' xi bott cicri. Hija gharfet il-firma taghha fuq l-istqarrija u esebiet stima u ricevuti li jinsabu esebiti a fol 11 et seq.

**PS 645 Jerry Attard** xehed fid-19 ta' Gunju 2014 u kkonferma li fit-28 ta' Awwissu, 2011 ghal habta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (3.30pm) kien mar l-Ghassa tal-Pulizija Richard Azzopardi zewg l-imputata li kien irrapporta li martu nizlet lejn il-karozza tieghu fi Triq San Filippu Birzebbugia u bdiet issabbat fuq din il-vettura filwaqt li tghajru. Qaltlu wkoll illi wara telghet fil-flat taghha u mill-gallarija bdiet twaddab xi bottijiet tal-ikel u affarijiet simili. Spjega li bhala rizultat kellu xi rizultat fil-

*windscreen* u fuq il-*body* tal-vettura. Huwa mar igib stima tal-hsarat li kellu pero' din ma gietx moghtija lilhom.

Sussegwentement huwa baghat ghal Hanane Azzopardi li gharaf prezenti fl-awla bhala l-imputata u din ammettiet mieghu li kienet waddbet xi affarijiet mill-gallarija u qaltlu wkoll illi zewgha kien qed jinsulentaha u jkellimha hazin tant li ressqu l-Qorti fis-seduta tad-distrett. Huwa in segwitu nforma lill-Ispettur dwar il-hsarat volontarji kagunati fuq din il-vettura. Huwa esebixxa l-okkorrenza relattiva li giet immarkata bhala Dok. PS u tinsab inserita a fol 20 et seq tal-process.

Illi nhar id-19 ta' Gunju 2014 **Karen Cremona** xehdet ghan-nom u in rapprezentanza ta' Transport Malta u tghid li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBT 814 hija tal-ghamla Land Rover Free Lander u li din l-istess vettura kienet registrata f'isem Joseph Martin Borg (ID 724262M) u li din il-vettura ilha hekk registrata fuq din il-persuna sa mis-16 ta' April 2014.

Illi din il-vettura kienet tghajjat lil Ventur Auto Import bejn it-28 ta' Marzu 2013 u s-16 ta' April 2014 u qabel kienet registrata f'isem Steve Camilleri (ID 277883M) bejn il-perjodu mill-11 ta' Jannar 2012 sat-28 ta' Marzu 2013. Kienet registrata f'isem Richard Azzopardi bejn it-12 ta' Lulju 2010 u l-11 ta' Jannar 2012. Hija esebiet il-*history file* ta' din il-vettura li giet immarkata bhala Dok ADT.

Illi nhar it-28 ta’ Novembru 2014 deher **Richard Azzopardi** zewg l-imputata li ddikjara li huwa sid il-vettura CBT 814 pero’ llum-il gurnata jixtieq jirtira l-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputata u hafer lill-istess imputata ghal dak kollu li setghet ghamlet.

Illi l-imputata ghazlet li ma tixhidx f’dawn il-proceduri kif kellha kull dritt taghmel skont il-ligi ghalkemm jirrizulta li effettivament kienet irrilaxxjat l-istqarrija fuq imsemmija. F’din l-istqarrija l-imputata ammettiet illi hija ma ridietx taghti access lil zewgha ta’ binhom minuri minhabba l-premessa li ma kienx qed jghaddilha manteniment. Tghid illi dakinhar zewgha baqa’ barra t-triq jinsisti li jara t-tifel u beda jghajjarha u jghidilha li kien se jibghatha lura pajjizha. Hi ghalhekk qabdet flixkun tal-fwieha minn gewwa u wadbitha fuq il-karozza tieghu. Taf illi zewgha cempel lill-Pulizija li gew fuq il-post. Hija kkonfermat illi l-vettura ta’ zewgha hija tal-ghamla Land Rover numru ta’ registrazzjoni CBT 814 u kkonfermat li waddbet bott tac-cicri fuqha.

Illi nhar is-26 ta’ Jannar 2015 il-partijiet itrattaw il-kawza u talbu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi dan ir-reat li l-imputata hija akkuzata bih u cioe’ dak ta’ hsara volontarja huwa reat li jitmexxa mill-Pulizija Ezekuttiva *ex officio* stante li l-ammont ta’ hsara jeccedi mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47). Illi ghalkemm huwa minnu li l-kwerelant Richard Azzopardi

rrinunzja ghall-azzjoni u hafer lill-imputata l-Pulizija nsistiet bil-proceduri odjerni.

Illi minn ezami tal-istqarrija tal-imputata jirrizulta li l-imputata effettivament waddbet xi oggett iebes fuq il-vettura u skont ma qalet lil PS 645 J. Attard din ikkagunat hsara fuq il-vettura ta' zewgha. Illi jirrizulta li l-vettura CBT 814 tappartjeni lil Richard Azzopardi u li effettivament huwa sofra danni li ma gewx kontestati skont l-istimi ezebiti fl-atti a fol 11 et seq liema stimi jaghtu valur ta' hsara li teccedi l-mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' dan ir-reat.

Dwar il-piena pero' l-Qorti rat illi Richard Azzopardi hafer lill-imputata tant li xtaq jirtira l-kwerela tieghu u filfatt ma xehedx f'dawn il-proceduri.

Rat illi l-imputata ghandha fedina penali netta, bla ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrati fuqha.

Rat illi l-kwistjoni odjerna hija wahda li tikkoncerna relazzjoni matrimonjali u ghalhekk ma thossx illi hija ghandha tinflingi piena ta' prigunerija.

**Ghaldaqstant din il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikolu 325(b) tal-Kodici Kriminali u tiddeciedi li tillibera lill-imputata HANANE AZZOPARDI ghal perjodu ta' sentejn (2) bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------